MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 205/1995/1

Pawlu Mizzi kemm f'ismu proprju u kif ukoll bħala mandatarju tal-imsifrin Doris Mizzi u Carmelina Mizzi ;
Frank Mizzi ;
Anthony Mizzi ;
Agatha Agius ;
Maria Assunta Grech ;
Josephine Camilleri ;
Antoinette Farrugia ;
Emma Hili ;
John Bosco Mizzi, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2005 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Doreen armla ta' John Mizzi, George Frank Mizzi, Natasha mart Massimo Apap, u Anthony ilkoll aħwa Mizzi, minflok John Bosco Mizzi li miet fil-mori tal-kawża .

vs

Reverendu Joseph Bezzina **.**

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi fit-tlettax (13) ta' Diċembru tal-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) b'ripetizzjoni erbatax (14) ta' Diċembru tal-istess
sena, permezz ta' programm televiżiv trasmess minn Television Malta bl-isem "Pjazza 3" il-konvenut ta malafama lill-atturi u offenda l-memorja tal-mejjet ħuhom Gorg Mizzi, billi waqt l-imsemmi programm ppreżentat minn Lou bondi', il-konvenut attribwixxa lill-imsemmi Gorg Mizzi imputazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jwasslu għall-inġurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jesponuh għar-redikolu jew għal disprezz tal-pubbliku, liema memorja ta' ħuhom l-atturi jridu jittutelaw skond il-Liġi .

Illi f'dak il-programm ir-Reverendu Bezzina rrakkonta storja ppreżentata minnu bħala leġġenda . F'dan ir-rakkont saret referenza għal serqa tal-ġwienaħ ta' Statwa ta' San Mikiel li kienet saret mill-Knisja ta' San Gorg fis-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) u jindika lill-persuna li kkommettiet din is-serqa bħala dik li sussegwentement intlaqat minn ġwejnaħ (*madguard)* ta' karrozza u miet bħala kastig . Huwa evidenti li din ir-referenza hija għall-imsemmi Gorg Mizzi li għalhekk ġie indikat bħala l-persuna responsabbli għas-serqa tal-ġwejnaħ ta' San Mikiel fl-elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) (ara dokument A) .

Illi l-atturi huma ħut u l-eredi tal-imsemmi Gorg Mizzi u għalhekk oltre l-interess tagħhom proprju, f'dik il-kwalita' għandhom kull jedd jittutelaw ismu u ġieħu .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li r-rakkont tal-konvenut imxandar fil-programm fuq imsemmi jikkonstitwixxi malafama u dannu tal-atturi .

2. Tiddikjara li l-konvenut ħati ta' din il-malafama .

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi in linea ta' danni f'somma li ma teċċedix l-elf lira maltija (Lm1,000) minnhom sofferti in segwitu għal dina l-malafama .

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat kif fuq imsemmi .

Bl-ispejjeż u bl-interess legali .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Frank Mizzi .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi :

1. Illi preliminarjament fi kwalunkwe każ billi l-azzjoni intentata mill-atturi hija waħda personali u mhux tranmissibbli fl-eredi din l-azzjoni hija impropenibbli .

2. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi d-diskors ċitat fil-programm imsemmi ma jista' qatt jittieħed bħala li jirreferi għall-imsemmi George Mizzi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Ottubru 2005 fejn ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar l-improponibilita' ta' din l-azzjoni .

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza finali .

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Il-kawża hija waħda għall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi, in linea ta' danni kkaġunati minħabba allegata malafama li saret lill-memorja ta' ħuhom Gorg Mizzi, f'programm televiżiv . Ġara illi l-konvenut fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni kien deher fuq il-programm "Pjazza 3" fuq l-istazzjon nazzjonali biex jitkellem fuq ktieb dwar il-leġġendi f'Għawdex li kien għadu kemm ippubblika . Fid-diskussjoni semma' fost ħwejjeġ oħra "il-leġġenda" tas-serqa tal-"ġwienaħ ta' San Mikiel" li huwa jirrakkonta f'dan il-ktieb . L-atturi ħassewhom offiżi partikolarment għall-kliem tal-konvenut fis-sens illi : "*Per ezempju, Għawdex jgħidu leġġenda jiġifieri reċenti, din ma rrid noffendi il ħadd, imma jgħiduha . Fl-1954 kienu nsterqu l-ġwienaħ ta' San Mikiel mill-Bażilika ta' San Gorg, ir-Rabat, u jgħidu, din trid tkun Għawdxi biex tifimha għax din meta għedtha x'imkien ieħor, qaluli ma tiftihemx . Għawdex, ġwejnaħ, huwa barra li hu ġwejnaħ li wieħed itir bihom, huwa anki l-mudguard ta' karozza . Ma nafx jekk intx qatx smajtha, imma Għawdex, hi kelma komunissima li ġwejnaħ hu mud-guard ta' karozza . Allura jgħidu li b'kastig, din min seraq il-ġwejnaħ ta' San Mikiel u sfratta purċissjoni u sfratta festa miet imbagħad bi ġwejnaħ ta' karozza . Issa din hija leġġenda u mhux leġġenda . Imma hija riċentissima tal-1954* …. " [1]

Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament illi din l-azzjoni, bħala waħda personali u mhux trasmissibbli fl-eredi, kienet improponibbli . Imma fis-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti kienet iddeċidiet illi : " … *peress illi jirriżulta illi din il-kawża hija waħda magħmula taħt il-provvediment tal-liġi li jipprovdi illi kull reat jagħti wkoll dritt għall-azzjoni ċivili għad-danni, u mhux speċifikament taħt il-Liġi ta' l-Istampa, ir-restrizzjonijiet kontemplati f'dik il-liġi li ma tippermettix lill-eredi ta' persuna mejta li tfittex għad-danni morali f'każ ta' malafama lill-mejjet, ma humiex applikabbli wkoll għal kawża bħal dik preżenti*." [2]

---

[1] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 5 tal-process .
[2] a fol. 104 - 5 tal-process .

Fil-mertu mbagħad eċċepixxa sempliċement illi *'d-diskors ċitat fil-programm imsemmi ma jista' qatt jittieħed bħala li jirreferi għall-imsemmi George Mizzi' .* Irriżulta pero' mill-provi illi l-inċident tas-serqa tal-ġwienaħ ta' l-istatwa ta' San Mikiel meqjuma fil-knisja ta' San Gorg f'Għawdex, tassew kienet seħħet fis-sena 1954, fl-okkażżjoni tal-festa ta' dan il-qaddis u meta kien imiss lill-banda Leone, affiljata mal-Katidral sabiex takkumpanja l-purċissjoni . Lejliet il-purċissjoni, il-ġwienaħ u xi aċċessorji oħra ta' din l-istatwa kienu nsterqu minn nies li baqgħu mhux magħrufa u għalhekk il-purċissjoni ġiet sfrattata . Billi meta nstabu dawn il-ġwienaħ ġew ritornati fuq truck ta' l-imsemmi George Mizzi, kien hemm min qala' x-xniegħa illi kien hu stess li kien wettaq dan l-att . Imbagħad din ix-xniegħa kompliet tissaħħaħ billi l-istess George Mizzi miet sentejn wara konsegwenza ta' inċident stradali, meta ntlaqat minn *mudguard* ta' truck . Ix-xhieda li kienu tressqu fil-kawża kriminali konnessa ma' dan il-każ, u li għaliha saret referenza fil-kawża preżenti, kollha kkonfermaw illi huma mill-ewwel fehmu illi r-referenza li kienet qed issir mill-konvenut, sew fil-programm televiżiv u anke fil-ktieb tiegħu, kienet għal George Mizzi, u għal ħadd aktar . Dan għaliex, apparti li lkoll kienu mir-Rabat, u kellhom ċerta' eta', jiftakru illi dik il-ħabta ftit li xejn kienu jiġru inċidenti stradali fatali f'Għawdex, u kien dan George Mizzi biss li kien miet b'daqqa ta' *mudguard* ta' truck, ftit taż-żmien wara l-każ ta' l-istatwa[3] .

M'hemmx dubbju għalhekk illi r-referenza f'din l-hekk imsejjħa 'leġġenda" li semma l-konvenut fil-programm televiżiv in kwistjoni, kienet għall-mejjet George Mizzi, bl-implikazzjoni konsegwenzjali illi s-serqa tal-ġwienaħ ta' l-istatwa ta' San Mikiel, kienet twettqet minnu, u dana mingħajr l-iċken ħjiel ta' prova . Għaldaqstant kienu ġustifikati l-atturi li fittxew li jirrimedjaw għal din il-malafama bil-proċeduri preżenti . Kien għal kollox inutili għall-konvenut illi fl-intervent tiegħu fuq dan il-programm ippremetta illi ma ried joffendi l-ħadd b'dak li kien ser

[3] ara depożizzjoni tar-Rev.Mons Salvatore Borg, Paul Cassar u Carmelo Schembri u ohrajn fl-atti tal-kawza "Pulizija vs Rev. Dr. J. Bezzina et.", kopja ta' liema tinsab annessa fl-atti ta' din il-kawza .

jgħid, għax "*l-**animus iniurandi** huwa preżunt meta l-kliem li ngħad huwa inġurjuż*". [4]

Jibqa' biss għalhekk sabiex jiġu kwantifikati d-danni . Il-konvenut isostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[5] illi, ġialadarba l-atturi bl-ebda mod ma rnexxielhom jipprovaw li ġew ikkawżati danni materjali lilhom, it-talba għal-likwidazzjoni tad-danni ma tistax tirnexxi . Huwa jikkontendi illi fil-liġi tagħna d-danni morali huma permissibbli biss taħt il-Liġi ta' l-Istampa,[6] u f'każ ta' ksur ta' wegħda ta' żwieġ . Madankollu ġie ribadit mill-Qrati tagħna illi : "*Il-mezzi li l-liġi tuża sabiex tirrepara u tirristabilixxi d-dritt vjolentement spostat fuq il-bażi tiegħu huma diversi … Infatti … min jonqos minn obbligazzjoni jiġi obbligat jadempiha fil-forma speċifika jew jiġi kundannat għar-riparazjoni tad-danni bħala surrogat reintegrattiv . Imma hemm ċerti fattijiet li huma rriperabbli bħal meta jkun hemm id-distinzjoni, il-għaliex hu loġiku u naturali li dak li jiġi distrutt ma jistax jerġa' jirritorna taħt l-ebda forma . (Il-bniedem maqtul, l-unur tal-persuna kalunjata jew malafamata huma eżempju ta' fattijiet irreparabbli)*." [7] Hekk ukoll ġie konfermat illi : "*L-interess biex wieħed jaġixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche' ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għall-lezjoni ta' veru dritt; u għalhekk ittra mibgħuta lil persuna, li tilledi l-onorabilita' ta' persuna oħra, tagħti lil dan ta' l-aħħar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-liġi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita' tal-kontenut ta' dik l-ittra; **u dan avvolja l-persuna offiża ma tkux sofriet danni materjali***." [8]

A bażi ta' dawn il-prinċipji, il-Prim'Awla fil-kawża : "**Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi**" ġia ċċitata fis-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Ottubru 2005, kienet illikwidat a favur ta' l-attur somma li hija stess iffissat *arbitrio boni viri* biex tagħmel tajjeb għall-inġurja li saret lil memorja ta'

---

[4] Paolo Pace vs Maria Bugeja (vol. XXXVI. P. IV. p. 855) .
[5] a fol. 144 – 156 .
[6] Kap. 248 .
[7] Onor. Paul Boffa noe et vs Paul Zammit : Prim'Awla : 6.2.1950 vol. XXXIV p. II. p. 480 .
[8] Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A&CE : Prim'Awla :8.11.1957 .

Sir Paul Boffa u l-ġieh tiegħu, u lill-attur ibnu permezz ta' ittra li kienet ġiet ippubblika fil-gażżetti mill-konvenut u li kienet attwribwietlu fatti illi ma kienux minnhom[9] . Din is-sentenza kienet ġiet ikkonfermata *in toto* mill-Qorti ta' l-Appell,[10] u din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex hija wkoll, f'ċirkostanzi jixxiebħu, fejn il-kawża saret ukoll mill-eredi tal-persuna mejta li dwarha saret il-malafama, taddotta l-istess raġunament sabiex tillikwida d-danni subiti mill-atturi b'mod simili .

Għaldaqstant u billi, bħal ma ġara f'dik il-kawża, jidher illi anke hawnhekk l-atturi aktar jinteressahom mir-riakkwist ta' ġieħ ħuhom mejjet milli minn riżarċiment għal ħsara subita, u tenut kont ukoll illi l-ħsara kienet x'aktarx limitata biż-żmien li laħaq għadda minn dawn l-inċidenti u l-implikazzjonijiet purament parrokjali tagħhom, somma ta' mitt lira maltija (Lm100) li qed tiffissa *ex aequo et bono* jidher illi għandha tkun adegwata għal dan il-fini .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad ukoll l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. Tiddikjara li r-rakkont tal-konvenut imxandar fil-programm televiżiv imsemmi fiċ-ċitazzjoni jikkostitwixxi malafama a dannu ta' l-atturi ;

2. Tiddikjara lill-konvenut ħati ta' din il-malafama ;

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi in linea ta' danni in segwitu għal din il-malafama fis-somma ta' mitt lira maltija (Lm100) ; u

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż, sew tas-sentenza preliminari tagħha tal-25 ta' Ottubru 2005 u dik preżenti, kontra l-istess konvenut .

---

[9] ara sentenza tal-21 ta' Ottubru 2002 per. Onor. Philip Sciberras .
[10] ara sentenza tal-21 ta' Gunju 2005 per STO Vincent De Gaetano, Onor. Anton Depasquale, Onor.Albert Magri .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------